MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2008

Numru 526/2007

PULIZIJA
SPETTUR ANTHONY PORTELLI
VS
CLIVE AGIUS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Clive Agius ta’ 22 sena, iben Simon u Simone nee’ Azzopardi, imwieled Pieta’ nhar is-26 ta’ Marzu 1985 u residenti Blokk no.6, flat no. 2, Triq Fosos, Floriana, detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 187685(M). Rittmar Hatherly ta’ 19 sena, bin James u Carmen nee’ Farrugia, imwieled Pieta’ nhar it-23 ta’ Lulju 1987 u residenti no. 37, flat no.6, Triq Kapuccini, Floriana, detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 363987(M).

Nakkuzahom talli b’diversi atti maghmulin ukoll fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda.

1). Akkuzati talli gewwa l-Msida nahr is-16 ta' Gunju 2007 ghal habta ta' l-3:45 ta' wara nofs in-nhar ikkommettew serq mir-residenza sitwata gewwa 'Kingsland Mansions' flat no.1E, Triq Victor Denaro l-Msida, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-lok, u dan sar ghad-detriment ta' Glenn Busuttil u/jew persuni ohra;

2). U akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe serq mill-imsemmi fond, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku gie segwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jiskorri Lm100 izda anqas minn Lm1,000, bil-lok u bil-mezz, ghad-detriment ta' l-imsemmi Glenn Busuttil u/jew persuni ohra;

3). Akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fil-bieb tal-flat msemmi hawn fuq, liema hsara ma teccedix Lm50, u dan sar ghad-dannu ta' l-imsemmi Glenn Busuttil u/jew persuni ohra;

4). Akkuzati wkoll talli f'xi zmien matul ix-xhur ta' qabel, ghal-habta ta' 10:00 ta' filghaxija, assoccjaw ruhhom bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta u cioe delitt ta' serq mil-hanut bl-isem 'Goden Harvest' sitwat fi Triq San Tumas gewwa l-Florjana liema hanut huwa propjeta' ta' Charles Testa u/jew persuni ohra, liema delitt huwa punibli b'piena ta' prigunerija m'huwiex delitt taht l-att dwar l-istampa;

5). Lil Clive Agius wahdu akkuzat talli nhar is-16 ta' Gunju 2007 waqt li kien qieghed jigi arrestat mill-Pulizija kellu fil-pussess tieghu arma regolari (mus) minghajr licenza mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

6). Lil Clive Agius wahdu akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta

Magistrat Dr. A. Lofaro LL.D. datata 26 ta’ Ottubru 2001, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdul;

7). Lil Rittmar Hatherly wahdu akkuzat talli rrenda ruhu recediv ai terminu tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta’ Malta Magistrat Dr. A. Vella LL.D. datata 16 ta’ Mejju 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula;

8). Lil Rittmar Hatherly wahdu akkuzat ukoll talli kiser il-provediment ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. J. Cassar LL.D. datata 26 ta’ Lulju 2006 u talli kiser il-provediment ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza mghotija mill-Qorti Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D. datata 29 ta’ Novembru 2006 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u dak ta’ l-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-27 ta’ Mejju 2008 fejn il-Prosekuzzjoni talbet ghal separazzjoni tal-gudizzju.

Rat id-Digriet ta’ l-istess Qorti tat-27 ta’ Mejju 2008 ghal separazzjoni tal-gudizzju.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat.

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni ta’ l-imputat wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat Clive Agius, hati skond l-akkuza tieghu u wara li rat l-Artikolu 49, 50, 261, 263 u 264, 267, 269, 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 8 tal-Kap.480 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' tlett (3) snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' giovanili ta' Clive Agius, il-fatt illi huwa kien qed isegwi fil-mori tal-kawza, program ta' riabilitazzjoni kontra d-droga.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------